Livell 8

# Il-valuri fis-soċjetà

**Edmund kien mitlub jagħmel dan li ġej:**

**L.I.** **Fisser kif il-valuri fis-soċjetà huma importanti daqs il-pedamenti ta' dar.**

**Edmund kiteb hekk:**

**Jekk dar ikollha pedamenti fjakki din faċli taqa'. Ngħidu aħna dar mibnija fuq it-tafal li taqa' meta jagħmel xi terremot anke jekk dan ma jkunx kbir. F'soċjetà bla valuri ma jkunx hemm paċi. Jidħol id-diżgwid u tibda ssir dgħajfa bħal dar li mhix mibnija fuq il-blat. Dar mibnija fuq il-blat tkun soda minkejja kollox.**



**Din dar b'saħħitha mibnija fuq is-sod. Mhix se taqa' lanqas jekk jiċċaqlaq il-baħar.**

**Edmund sab din l-istampa u araw x'kiteb taħtha.**

**L-għalliema tat dan il-*feedback* lil Edmund.**

**Prosit Edmund, sewwa weġibt. Issa agħti xi eżempju ta' valur u għid kif dan isaħħaħ is-soċjetà.**

**Edmund żid dan mal-kitba ta' qabel:**

**Wieħed mill-valuri huwa l-ġustizzja. Jekk fis-soċjetà jkun hemm ġustizzja, ngħidu aħna kulħadd ikollu paga xierqa, allura jkollna l-paċi u soċjetà b'saħħitha. Il-ġustizzja u valuri oħra huma pedamenti sodi.**

**X'jidhirlek mill-kitba ta' Edmund?**
**…**

**Xi ħaġa x'tagħmel int.**

**Edmund semma l-ġustizzja "u valuri oħra".**
**Agħti eżempju ta' valur ieħor u fisser kif dan il-valur ikun pedament sod għas-soċjetà.**



**(Din l-istampa tista' tgħinek.)**